BIRKIRKARA

## KUNSILL LOKALI BIRKIRKARA

Lil Membri u l-Ufficjali kollha tal-Kunsill

**Laqgha tal-Kunsill**

Qieghed tigi msejjah biex tattendi ghad-Disa' laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Birkirkara fl-ufficcji taghhom, li ser issir nhar it-Tlieta, 15 ta' Dicembru 2009, fis-6:00pm

Joseph Tabone
Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill

**Agenda**

---

1. **Talba**
2. **Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgha numru 8**
3. **Kunsiderazzjonijiet u affarijiet li jirrizultaw mill-minuti tal-laqgha numru 8**
4. **Approvazzjoni tal-Lista tax-Xiri u Pagamenti numru 8**
5. **Approvazzjoni tal-Lista tal-Flus Kontanti**
6. **Korrispondenza**
7. **Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**
8. **Komunikazzjoni mis-Sindku**
9. **Eghluq**

**DIN IL-LAQGHA HI MIFTUHA GHALL-PUBBLIKU**

BIRKIRKARA

Minuti tad-Disa' laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Birkirkara li saret fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 15 ta' Dicembru 2009 mis-6.05pm sas-7.10pm

| | |
|---|---|
| **Prezenti:** | Il-Membri |
| **Is-Sindku** | Is-Sur Michael Fenech Adami |
| **Il-Kunsilliera** | Is-Sinjura Doris Borg (Vici-Sindku) |
| | Is-Sur Emanuel Aquilina |
| | Is-Sur Mark George Abdilla |
| | Dr. Josianne Cardona Gatt |
| | Is-Sinjura Joanne Borg |
| | Is-Sinjura Rita Borg |
| | Dr George Debattista |
| | Is-Sur John Mary Calleja |
| | Is-Sur Anthony Buttigieg |
| | Is-Sur John Borg |
| | Is-Sinjorina Chirelle Sciberras |
| | |
| | Is-Sinjorina Rose Frendo - Assenti |
| | |
| **L-Ufficjal:** | |
| **Segretarju Ezekuttiv** | Is-Sur Joseph Tabone |

Fil-bidu tal-laqgha kienu prezenti s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, Emanuel Aquilina, Mark George Abdilla, Joanne Borg, Rita Borg, Dr. George Debattista, John Mary Calleja, Anthony Buttigieg, Dr Josianne Cardona Gatt u John Borg, u Chirelle Sciberras. Il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg dahlet fil-kamra fis-6.20pm. Il-Kunsilliera s-Sinjorina Rose Frendo kienet assenti. Ghal din il-laqgha kien hemm il-prezenza tal-pubbliku. Il-laqgha kienet preseduta mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami.

**1. Talba.**

Il-laqgha bdiet billi s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal it-talba.

**2 Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgha bin-numru 8**

Il-Minuti tat-Tmien laqgha kienu tqassmu ma' l-agenda u ttieħdu bħala moqrija. Huma gew approvati minghajr bdiel u/jew korrezzjoni, bi hdax-il vot favur, xejn kontra u xejn astenzjonijiet. Dan wara li tressqu ghall-approvazzjoni mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami li kien sekondat mill-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg. Dawk li vvutaw favur kienu:- is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, il-Kunsillieri s-Sinjuri: Emmanuel Aquilina, Mark George Abdilla, Joanne Borg, John Borg, Dr. Josianne Cardona Gatt , Rita Borg, Anthony Buttigieg, John Mary Calleja, Dr.George Debattista, u Chirelle Sciberras.

BIRKIRKARA

### 3 Kunsiderazzjonijiet u affarijiet li jirrizultaw minn minuti numru 8

Xejn

### 4 Approvazzjoni tal-Lista tax-Xiri u Pagamenti numru 8

Il-Lista tax-Xiri u Pagamenti numru 8 kienet tqassmet ma' l-agenda u ttieħdet bħala moqrija. Il-Lista giet approvata bi hdax-il vot favur, xejn kontra u xejn astenzjonijiet. Dan wara li tressqet ghall-approvazzjoni mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami li kien sekondat mill-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg. Dawk li vvutaw favur kienu:- is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, il-Kunsillieri s-Sinjuri: Emmanuel Aquilina, Mark George Abdilla, Joanne Borg, John Borg, Dr. Josianne Cardona Gatt , Rita Borg, Anthony Buttigieg, John Mary Calleja, Dr.George Debattista, u Chirelle Sciberras.

### 5 Approvazzjoni tal-Lista tal-Flus Kontanti

Il-Lista tal-Flus Kontanti mill-5/10/2009 sal- 4/12/2009 kienet tqassmet ma' l-agenda u ttieħdet bħala moqrija. Il-Lista giet approvata bi hdax-il vot favur, xejn kontra u xejn astenzjonijiet. Dan wara li tressqet ghall-approvazzjoni mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami li kien sekondat mill-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg. Dawk li vvutaw favur kienu:- is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, il-Kunsillieri s-Sinjuri: Emmanuel Aquilina, Mark George Abdilla, Joanne Borg, John Borg, Dr. Josianne Cardona Gatt , Rita Borg, Anthony Buttigieg, John Mary Calleja, Dr.George Debattista, u Chirelle Sciberras.

Hawnhekk dahlet fil-kamra il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg. Il-hin kien 6.20pm

### 6 Korrispondenza

6.1 Ittra bid-data ta' l-1 ta' Dicembru 2009 minghand il-maniger tat-Traffic Management Unit, il-Perita Lara Demicoli. Is-suggett ta' l-ittra hu Unapprproved un/loading Bays in Birkirkara. Dwar il-kontenut ta' l-ittra , unanimament il-membri kollha prezenti qablu illi s-Segretarju Ezekuttiv ghandu jikteb lil propjetarji tal-hwienet imsemmija fejn navzhom bl-ordni li tawna l-ADT.

6.2 Ittra bid-data ta' l-14 ta' Dicembru 2009 minghand il-President ta' l-AKL, is-Sur Michael Cohen dwar il-Bdil ta' Awguri ghall-Ewwel tas-Sena 2010.

### 7 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

7.1 Il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg staqsiet jekk kellniex risposta minghand id-Direttur ghall-Gvern Lokali, dwar jekk il-Kunsill jistax jaghti pubblikazzjonijiet minn tieghu (minn tal-Kunsill) lill-iskejjel tal-lokal biex dawn jinghataw lill-istudenti fil-Jum tal-Premjazzjoni? Is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv irreferew ghar-risposta verbali li nghataw mid-Direttur illi 'l-ligi hi cara '. Is-Segretarju Ezekuttiv fakkar lill-Kunsilliera dwar l-Avviz legali 278 tal-2009 u Memo 65/2009 fejn hemm imnizzel illi hemm ' Projbizzjoni totali ta' donazzjonijiet mill-Kunsilli, kemm fi flus kif ukoll mhux fi flus'. Hawnhekk saret diskussjoni qasira fejn unanimament il-membri kollha prezenti qablu illi l-Kunsill ghandu jkompli jaghti kotba lill-iskejjel tal-lokal biex dawn jinghataw bhala Premju fil-Jum tal-Premjazzjoni.

7.2 Il-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg talab rendikont, u dan minhabba li ma kien tressaq xejn quddiem il-Kunsill, dwar l-attivita li saret gewwa Gnien l-Istazzjon bit-tema ' Villagg ghall-Milied'. Il-Kunsilliera l-

BIRKIRKARA

Avukata Josianne Cardona Gatt qalet li hi bhalha *chairperson* tas-Sotto Kumitat Kultura kellha tigi nfurmata u nvoluta dwar dak kollu li sar inkluz fil-laqghat li saru mal-kazini tal-baned.

Hawnhekk il-Kunsillier is-Sur John Borg talab li jigi skuzat. Il-hin kien is-6.41pm

Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal li din l-attivita saret b'risq il-*Community Chest Fund* fejn kien hemm ftehim ukoll li din l-attivita tinfetah mill-Ecc Tieghu l-President ta' Malta Dr. George Abela, fejn minkejja dan il-ftehim il-Kunsill kien infurmat fil-gurnata tal-ftuh li President ma setax jattendi. Is-Sindku qal li l-Kunsill ma kien ser johrog 'l ebda flus hlief ghal xi haga zghira dwar it-trasport tal-palk u l-*backdrop* li intuzat. Is-Sindku qal ukoll illi ma kienet saret 'l ebda laqgha, imma kienet intbghatet karta lill-ghaqdiet kollha biex naraw minn hu nteressat. Hawnhekk is-Sindku ghamel riferenza ghad-disgwid li nqala mas-Sur Omar Coleiro fejn dan kien qallu jew jiehdu sehem huma biss jew hadd.

7.3 Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal li hu jhossu dissappuntat illi l-Kunsill ma kienx mistieden u nfurmat dwar il-festa ta' Kristu Re li saret gewwa Birkirkara. Is-sindku ppropona illi l-kunsill ghandu jaghmel sforz biex il-hames parrocci li ghandna f'Birkirkara isiru parti minnha. Hawnhekk il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg issuggerit li ghandha issir laqgha mal-kappillani tal-hames parrocci halli naraw x'attivitajiet huma ser jorganizzaw. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

7.4 Il-Kunsillier is-Sur Jimmy Calleja staqsa meta kienet ser tinqaleb id-direzzjoni tat-traffiku ta' triq l-Isqof Labini ? Is-Sindku qal li l-Kunsill ghadu qed jistenna mill-ADT. Hawnhekk is-Sindku ghamel riferenza ghal-laqgha li hu kellu mal-Perit Gordon Zammit ta' l-ADT fejn dan ta' l-ahhar anke mar fuq il-post.

7.5 Il-Kunsilier is-Sur Anthony Buttigieg staqsa jekk kienx hemm progress dwar il-monument ta' Sir Anthony Mamo? Is-Sindku qal li dwar din il-haga hu kien qed jissuggerixxi li jitwaqqaf fond.

7.6 Il-Kunsilier Dr.George Debattista ssuggerixxa illi l-parti ta' triq il-Kbira, il-parti minn hdejn il-kappella ta' Sant Antnin sa Pjazza San Frangisk ghandha tissemma ghall-Avukat Joe Fenech li kien serva bhala membru Parlamentari kif ukoll bhala Ministru. Hawnhekk saret diskussjoni qasira fejn unanimament il-membri kollha prezenti qablu ma dan is-suggeriment. Dwar dan il-Kunsill ghandu jikteb lil Kumitat dwar it-tismija tat-Toroq.

## 8 Komunikazzjoni mis-Sindku

8.1 Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami ghamel riferenza ghall-ftehim li ntlahaq bejn il-Kunsill u d-Direttur Generali tat-Taqsima Xogholijiet dwar € 30,747.71 inkonessjoni mal-progett ta' restawr ta' l-Akwadott. Is-Sindku qal li nhar il-25 ta' Novembru 2009 gie iffirmat ftehim mal-Green MT Limited biex l-imsemmija kumpanija tibda thallas, f'isem il-Kunsill, €1000 fix-xahar lil Ministeru ghar-Rizorsi u Affarijiet Rurali biex tinqata' is-somma msemmija. Il-Kumpanija ser taghmel dan mill-flus li hi iddahhal mill-iskema tal-gbir ta' l-iskart separat.

8.2 Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami informa lill-membri prezenti illi l-Kunsill kien ghadu kif ircieva t-tieni pagament ta' LES liema pagament jammonta ghal € 23,000. Is-Sindku semma ukoll ghad-disgwid li nqala' fl-ahhar laqgha tal-kumitat kongunt fejn ic-*chairman* baqa jsostni illi *tickets* li nghataw mill-*ispeed cameras* li ghandna f'Birkirkara m'ghandhomx jigu kkalkulati u dan minhabba li meta kien sar il-ftehim snin ilu dawn ma kienux imnizzla. Is-Sindku sostna illi din il-haga mhiex accettata minhabba li dak iz-zmien, meta sar dan il-ftehim, f'Birkirkara ma kelniex *speed cameras*. Is-Sindku qal li dwar din il-haga hu ghamel rapport lil l-Onor. Chris Said u lid-Direttur ghal-Gvern Lokali.

BIRKIRKARA

8.3 Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami semma wkoll illi l-Kunsill applika u f'kazi ohra ser japplika ghal fondi specjali fuq l-amministrazzjoni tal-monti li talba hi ta' € 58,000, u ghall-ispejjez li l-Kunsill ghamel rigward ic-*Child Care Centre* liema talba mistennija tkun ta' € 100,000. Is-Sindku qal ukoll illi l-Kunsill ser japplika ghall-ewwel fazi biex jigu *re-surfaced* madwar wiehed u ghoxrin triq residenzjali taht l-iskema tal-PPP ( *Public Private Partnership*). Hawnhekk is-Sindku qassam dokument lill-membri kollha li kien juri lista tal-wiehed u ghoxrin triq flimkien ma l-istima ghal kull triq. L-istima totali li taghna il-Perit hi ta' €1,410,856.88. Wara li saret diskussjoni qasira s-Sindku nforma lill-Kunsilliera biex il-Kunsilliera jissottomettu l-ismijiet tat-toroq lis-Segretarju Ezekuttiv li huma jahsbu li hemm bzonn li jigu *re-surfaced* u li mhux imnizzla fil-lista li qassam is-Sindku.

8.4 Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami ghamel riferenza ghar-rapport li l-Kunsill kien ircieva dwar in-*National Flood Relief Project*. Is-Sindku stieden lill-Kunsilliera illi min irid jara dan ir-rapport jista jaghmel dan meta jrid.

## 9 Eghluq

Ghall-habta tas-7.10pm bil-permess tal-membri prezenti s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami ghalaq il-laqgha. Id-data ghal-laqgha li jmiss kienet ser tithabbar izjed 'il quddiem.

Joseph Tabone
Segretarju Ezekuttiv

Michael Fenech Adami
Sindku